TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: CCT82/24/DS**

**Ian Zerafa**

**Vs**

**Portughes Laundry and Dry Cleaning Limited C9240 – Ian Portughes**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-16 ta' April, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata riżarċiment fl-ammont ta' elf tlett mija tlieta u ħamsin Ewro (€1,353) għall-ħsara illi saret fuq il-*cover* tas-sufan meta ttieħed għad-*dry cleaning*;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-14 ta' Mejju, 2024 fejn ċaħdet it-talbiet kollha rikorrenti bl-ispejjeż;

It-Tribunal għamel aċċess fuq il-post sabiex jkun jista' jikkostata l-allegati danni;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti:

L-attur ħa *cover* ta' *chaise longue* għad-*dry cleaning* għand is-soċjeta' intimata liema *cover* kien fi stat tajjeb u ttieħed biss dwar kwistjoni ta' iġene. Meta ngħata lura wara l-ħasil dan il-*cover* kien danneġġat, il-kulur tiegħu kien iċċara f'ċertu parti u kellu donnu sniegi fid-drapp illi ma kienux hemm qabel.

L-attur iddeskriva fid-dettall il-korrispondenza li kien hemm bejnu u bejn is-soċjeta' intimata kif ukoll mal-kumpanija mingħand min kien xtara s-sufan u saħaq illi fi stadju partikolari Michela Portughes għas-soċjeta' intimata kienet aċċettat illi s-soċjeta' intimata tirriżarċixxi l-prezz ta' *cover* ġdid pero' meta ntbagħtet lilha *quotation* tal-istess bħal donnu kien hemm ripensament. Min hemm il-quddiem kien hemm sensila ta' tentattivi sabiex is-soċjeta' attriċi tidħol aktar fil-profond ta' kif ġie danneġġat il-*cover*, jekk fil-fatt dak kien il-każ u dan għaliex hija rriteniet illi x-xogħol fuq l-istess *cover* sar skont is-sengħa u l-arti. Dan it-Tribunal ra l-evidenza kollha miġjuba quddiemu fir-rigward, miż-żewġ partijiet.

**Ikkunsidra ulterjorment**

L-attur bagħat email lis-soċjeta' intimata datata 23 ta' Settembru, 2023 fejn informaha illi l-materjal tal-*cover* tas-sufan kien '*damaged*' u email oħra datata 2 ta' Ottubru, 2023 fejn infurmaha għall-darb'oħra illi '*it is still damaged, since the upper part is faded/lighter to the rest. Furthermore, when putting it back on I also noticed that it is shrunk*'. (Dokumenti IZ1 u IZ2 rispettivament).

Is-soċjeta' attriċi permezz ta' email mingħand Michela Portughes datata 3 ta' Ottubru, 2023 irrispondiet: '*Kindly be informed that we can ask you to purchase the same sofa cover and we will compensate you with the total price of the sofa cover. Please purchase a receipt for us to send payment via revolut or bank transfer.*' (Dokument IZ3)

Dan it-Tribunal jinnota illi f'dan l-istadju s-soċjeta' intimata serrħet moħħ l-attur illi ser ikun ikkumpensat '*with the total priced of the sofa cover*' mingħajr kondizzjonijiet u mingħajr kawtela li qiegħda tagħmel dan mingħajr preġudizzju għall-allegazzjoni ta' danni, illi f'dak l-istadju kienu kemm danni minħabba li ċċara l-materjal u kellu fuqu sniegi li ma kienux hemm qabel u kemm għaliex kien inxtorob.

Illi fid-dokuemnt anness mar-risposta mmarkat 'Document B' u kkonfermat taħt ġurament waqt il-kawża, is-Sur Ian Portughes qal illi '*Michela from our office offered to replace the cover as the client stated that it had also shrunk.*' Pero' ta' min jinnota illi fir-risposta tagħha hija ma tat l-ebda raġuni għalfejn kien hemm id-deċiżjoni li l-ammont jiġi riżarċit w'għaldaqstant ma hemm l-ebda evidenza illi dan kien ser isir biss a bażi tal-fatt li l-*cover* kien inxtorob.

Illi għaldaqstant dan it-Tribunal m'għandux għalfejn jidħol fil-mertu ta' l-imsemmija danni kienux sforz nuqqas ta' sengħa u arti meta nħasel is-sufan o meno u dan għaliex dak l-istadju ġie sorpassat meta s-soċjeta' attriċi għażlet illi tikkumpensa lill-attur. L-uniku ħaġa illi dan it-Tribunal irid iħares lejha f'dan l-istadju huwa jekk dan għamlitux *o meno.*

Illi l-attur, b'irġulija u mhux għaliex kellu għalfejn jagħmel dan *stante* illi s-Sinjura Portughes ma talbitux jibgħat *quotation* iżda rċevuta, bagħat *quotation* tal-ammont illi s-soċjeta' intimata kien ser ikollha tħallas. Dan ovvjament għamlu biex jikkawtela lilu nnifsu u mhux joħroġ il-pagament imbgħad ma jiġix riżarċit, eventwalita' illi minn kif jirriżultaw l-affarijiet kienet aktar probabbli milli le! Kien f'dan l-istadju illi donnu kien hemm ripensament iżda dan ma jirriżulta li kien sforz l-ebda nuqqas minn naħa tal-attur.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta *stante* illi s-soċjeta' attriċi għamlet wegħda ta' riżarċiment mingħajr riżerva wara li kienet konsapevoli diġa a bażi ta' x'hiex kien qiegħed jiġi mitlub l-istess riżarċiment. Tali wegħda għandha kellha tiġi onorata u m'huwiex ġust illi l-attur tħalla sena jistenna dak illi suppost ingħata sempliċement għaliex is-soċjeta' intimata bidlet il-ħsieb tagħha!

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elf tlett mija tlieta u ħamsin Ewro (€1,353) lill-attur kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta'

erbgħin Ewro (€40) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.
**Arbitru**